**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Illum, 14 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 8B/96**

**Carmelo Aquilina u Maria Aquilina**

**vs**

**Concetta Cassar**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi jikru lill-intimata l-ghalqa fil-limiti ta' l-Imqabba kuntrada "Tal-Baghal" denominata "Ta' Misrah ix-Xiffi", tal-kejl superficjali ta' madwar tomna u siegh, bil-qbiela ta' hamsa u sebghin centezmu (75c) fis-sena li jithallas bis-sena b'lura u li jiskadi kull tlettax (13) ta' Frar ta' kull sena;

Illi huma jinhtiegu din l-ghalqa sabiex juzawha huma personalment ghal skopijiet agrikoli u ghalhekk ghandhom id-dritt ghar-ripreza ta' l-istess ghalqa ai termini ta' l-artikolu 4(2)(a) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-intimata halliet l-imsemmija ghalqa ma tinhadimx ghal aktar minn sentejn u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom dritt jitolbu r-ripreza ta' l-istess ghalqa a tenur ta' l-artikolu 4(2)(d) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu bir-rispett li dan il-Bord jogghbu;

1. jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmija ghalqa ghar-ragunijiet premessi u ghall-fini ta' l-izgumbrament jigi prefiss lill-intimata zmien qasir u perentorju; u

2. jiffissa favur l-intimata kumpens xieraq skond il-ligi. Bl-ispejjez.

Ra l-verbal tad-19 ta' Gunju 1996 a fol 5 tal-process minn fejn jidher li l-intimata ddikjarat li hi qed tinsisti biss fuq il-benefikati u li mhix qed

toggezzjona li tirritorna l-ghalqa lura kif ukoll li l-istess Bord innomina bhala periti teknici tal-AIC Frederick Valentino u Anthony Mifsud.

Ra r-relazzjoni tal-istess periti teknici nominati li hi annessa mal-atti a fol 14 tal-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi, mill-premess, jidher li l-intimata f'dan il-kaz qed tinsisti biss fuq il-kumpens dovut in konnessjoni ma' benefikati.

Illi, pero' kif jirrizulta mir-relazzjoni msemmija sottomessa mill-esperti teknici, ma jidhirx li, matul l-ahhar tmien snin mid-data tal-access li sar fit-18 ta' Marzu 1997, kienu saru xi benefikati. Inoltre l-istess raba kien jidher li hu zdingat kollu mimli b'haxix hazin.

Illi mill-premess jidher li it-talbiet kif dedotti mill-istess rikors ghandhom jigu akkolti minghajr kumpens.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u;

1. jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tal-ghalqa fil-limiti tal-Imqabba kuntrada "Tal-Baghal", denominata "Ta' Misrah ix-Xiffi", tal-kejl superficjali ta' madwar tomna u siegh.

2. jordna lill-istess intimata sabiex tizgombra mill-istess ghalqa sat-13 ta' Frar 2001;

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Alan Calleja
Dep.Reg.